2024/1591

5.6.2024

Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda dwar ir-regoli supplimentari fir-rigward tal-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, għall-perjodu 2021 sa 2027

L-UNJONI EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Unjoni"

u

L-IŻLANDA,

Minn hawn 'il quddiem flimkien imsejħin "il-Partijiet",

WARA LI KKUNSIDRAW il-Ftehim milħuq bejn il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn tal-aħħar mal-implementazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen ([1]) (il-"Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Iżlanda u n-Norveġja"),

BILLI:

(1) L-Unjoni stabbiliet l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi ("il-BMVI") permezz tar-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) ("ir-Regolament BMVI"), bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri.

(2) Ir-Regolament BMVI jikkostitwixxi żvilupp tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Iżlanda u man-Norveġja.

(3) L-istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, jikkostitwixxi strument speċifiku fil-kuntest tal-*acquis* ta' Schengen imfassal biex jiżgura ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri b'saħħitha u effettiva fil-fruntieri esterni, filwaqt li jissalvagwardja l-moviment liberu tal-persuni, f'konformità sħiħa mal-impenji tal-Istati Membri u tal-pajjiżi assoċjati dwar id-drittijiet fundamentali, u biex jappoġġa implimentazzjoni u modernizzazzjoni uniformi tal-politika komuni dwar il-viżi, u b'hekk jikkontribwixxi għall-garanzija ta' livell għoli ta' sigurtà fl-Istati Membri u fil-pajjiżi assoċjati.

(4) L-Artikolu 9(2) tar-Regolament BMVI jipprevedi li l-ammont imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 7(3) u r-riżorsi addizzjonali previsti skont dak ir-Regolament għandhom jiġu implimentati taħt ġestjoni kondiviża f'konformità mal-Artikolu 63 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) ("ir-Regolament Finanzjarju") u r-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) ("ir-RDK").

(5) L-Artikolu 7(6) tar-Regolament BMVI jipprovdi li għandhom isiru arranġamenti sabiex jispeċifikaw in-natura u l-modi tal-parteċipazzjoni fil-BMVI tal-pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen.

(6) Il-BMVI joffri l-opportunità biex jiġu implimentati azzjonijiet b'ġestjoni kondiviża, modi ta' ġestjoni diretta u indiretta, u jenħtieġ li dan il-Ftehim jagħmilha possibbli li l-implimentazzjoni bi kwalunkwe wieħed minn dawn il-metodi tkun tista' titwettaq fl-Iżlanda f'konformità mal-prinċipji u r-regoli tal-Unjoni dwar il-ġestjoni u l-kontroll finanzjarju.

(7) Fid-dawl tan-natura *sui generis* tal-*acquis* ta' Schengen u l-importanza tal-applikazzjoni uniformi tiegħu għall-integrità taż-żona Schengen, jenħtieġ li r-regoli kollha applikabbli għall-ġestjoni tal-programmi japplikaw għall-Iżlanda bl-istess mod kif japplikaw għall-Istati Membri.

([1]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 251, 15.7.2021, p. 48).

([3]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159).

(8) Sabiex jiġu ffaċilitati l-kalkolu u l-użu tal-kontribuzzjonijiet annwali dovuti mill-Iżlanda għall-BMVI, jenħtieġ li l-kontribuzzjonijiet tagħha għall-perjodu 2021 sa 2027 jitħallsu f'ħames pagamenti parzjali annwali mill-2023 sal-2027. Mill-2023 sal-2025, il-kontribuzzjonijiet annwali huma stabbiliti f'ammonti fissi filwaqt li jenħtieġ li l-kontribuzzjonijiet dovuta għas-snin 2026 u 2027 jiġu determinata fl-2026 abbażi tal-prodott domestiku gross nominali tal-Istati kollha li jipparteċipaw fil-BMVI filwaqt li jitqiesu l-pagamenti li effettivament ikunu saru.

(9) F'konformità mal-prinċipju ta' trattament ugwali, jenħtieġ li l-Iżlanda tibbenefika minn kwalunkwe dħul żejjed kif definit fl-Artikolu 86 tar-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) ("ir-Regolament dwar l-ETIAS"). Fil-qafas tal-BMVI, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji dovuti mill-Iżlanda għall-BMVI huma mnaqqsa proporzjonalment.

(10) Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*, inkluż ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), hija koperta mill-Ftehim ŻEE u ġiet inkorporata fl-Anness XI tiegħu. Għaldaqstant, l-Iżlanda tapplika dak ir-Regolament.

(11) L-Iżlanda mhijiex marbuta mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għalkemm hija parti għaliha u għalhekk tosserva d-drittijiet u l-prinċipji rikonoxxuti mill-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u l-Protokolli tagħha u fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem. Jenħtieġ li r-referenzi li jinsabu fir-Regolament BMVI, ir-RDK u dan il-Ftehim għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għalhekk jinftiehmu bħala referenzi għal dik il-Konvenzjoni u għall-Protokolli ratifikati mill-Iżlanda u għall-Artikolu 14 ta' dik id-Dikjarazzjoni.

(12) Jenħtieġ li l-Iżlanda timplimenta l-BMVI u dan il-Ftehim f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

Dan il-Ftehim jistabbilixxi r-regoli supplimentari meħtieġa għall-parteċipazzjoni tal-Iżlanda fil-BMVI bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri għall-perjodu ta' programmazzjoni mill-2021 sal-2027 f'konformità mal-Artikolu 7(6) tar-Regolament BMVI.

Artikolu 2

Ġestjoni u kontroll finanzjarji

1. Fl-implimentazzjoni tar-Regolament BMVI, l-Iżlanda għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti għall-ġestjoni u l-kontroll finanzjarji li huma stipulati fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") u fid-dritt tal-Unjoni li l-bażi ġuridika tiegħu joħroġ mit-TFUE.

Id-dispożizzjonijiet imsemmijin fl-ewwel subparagrafu huma dawn li ġejjin:

(a) l-Artikoli 33, 36, 61, 63, 97 sa 106, 115 sa 116, 125 sa 129, 135 sa 144, 154 u 155(1), (2), (4), (6) u (7), 180, 254 sa 257 tar-Regolament Finanzjarju;

(b) ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 ([7]);

(c) ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2988/95 ([8]) u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]);

([5]) Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1).

([6]) Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

([7]) Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

([8]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

([9]) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

(d) l-Artikoli 1 sa 4, 7 sa 9, 15 – 17, 21 sa 24, 35 sa 42, 44 sa 107, 113 sa 115 u 119 u l-Annessi rilevanti tal-BMVI tar-RDK.

2. Fil-każ ta' kwalunkwe emenda, tħassir, sostituzzjoni jew riformulazzjoni tar-Regolament Finanzjarju rilevanti għall-BMVI:

(a) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tinforma lill-Iżlanda b'dan mill-aktar fis possibbli, u, fuq talba tal-Iżlanda, tipprovdi spjegazzjonijiet dwar tali emenda, tħassir, sostituzzjoni jew riformulazzjoni.

(b) Minkejja l-Artikolu 13(4), il-Kummissjoni Ewropea (f'isem l-Unjoni) u l-Iżlanda jistgħu jiddeterminaw bi ftehim komuni kwalunkwe emendatat-tieni subparagrafu , il punt (a), tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu li tkun meħtieġa biex titqies tali emenda, tħassir, sostituzzjoni jew riformulazzjoni tar-Regolament Finanzjarju.

3. L-Iżlanda għandha tapplika u, fejn meħtieġ, timplimenta:

(a) kwalunkwe att legali tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimmodifika r-RDK, sa fejn jikkonċerna dispożizzjonijiet relatati mal-applikazzjoni tar-Regolament BMVI;

(b) kwalunkwe att ta' implimentazzjoni jew delegat adottat mill-Kummissjoni Ewropea abbażi tar-RDK, sa fejn jikkonċerna dispożizzjonijiet relatati mal-applikazzjoni tar-Regolament BMVI.

Sabiex l-Iżlanda tkun tista' tagħmel dan, il-Kummissjoni Ewropea għandha

(a) tinforma lill-Iżlanda bil-proposti kollha għal kwalunkwe att imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b) mill-aktar fis possibbli, u, fuq talba tal-Iżlanda, tipprovdi spjegazzjonijiet dwar il-proposti;

(b) tinnotifika lill-Iżlanda bl-atti kollha msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a) jew (b), mill-aktar fis possibbli.

L-Iżlanda tista' tinforma lill-Unjoni bil-pożizzjoni tagħha dwar il-proposti mill-aktar fis possibbli, u dan għandu jingħata l-konsiderazzjoni dovuta mill-Unjoni.

L-Iżlanda għandha, mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 90 jum wara n-notifika, tinnotifika lill-Unjoni bid-deċiżjoni tagħha li taċċetta l-atti nnotifikati mill-Unjoni lill-Iżlanda skont l-ewwel subparagrafu, il-punt (a) jew (b).

4. L-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fl-Iżlanda jistgħu jipparteċipaw f'attivitajiet iffinanzjati mill-Istrument taħt kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk applikabbli għall-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni.

Artikolu 3

Applikazzjoni speċifika tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament RDK imsemmija fit-tieni subparagrafu, il-punt (d), tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 2

Sabiex tiġi żgurata l-konformità tal-Iżlanda mad-dispożizzjonijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu, il-punt (d), tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 2:

(a) ir-referenzi għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u l-Protokolli tagħha kif ratifikati mill-Iżlanda u l-Artikolu 14 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem;

(b) L-Iżlanda tirrikonoxxi li timplimenta l-BMVI f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU.

Artikolu 4

Applikazzjoni speċifika tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament BMVI

1. Il-Kummissjoni għandha talloka lill-Iżlanda ammont addizzjonali msemmi fl-Artikolu 10(1)(b) tar-Regolament BMVI dment li jkun hemm konformità mal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament BMVI fi żmien sentejn mill-bidu tal-parteċipazzjoni tal-Iżlanda fl-istrument.

2. L-iskadenzi li jirreferu għad-dħul fis-seħħ tar-Regolament BMVI għandhom jinftiehmu li jirreferu għad-data li fiha jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim.

Artikolu 5

Infurzar

1. Id-Deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni li jimponu obbligu pekunjarju fuq persuni apparti mill-Istati, għandhom ikunu eżegwibbli fit-territorju tal-Iżlanda.

L-infurzar ta' tali deċiżjonijiet għandu jkun regolat bir-regoli tal-proċedura ċivili fis-seħħ fl-Iżlanda. L-ordni għall-infurzari tagħha għandha tkun annessa mad-deċiżjoni rilevanti mill-awtorità kompetenti msemmija fit-tielet subparagrafu mingħajr ebda formalità għajr il-verifika tal-awtentiċità tad-deċiżjoni.

Il-Gvern tal-Iżlanda għandu jaħtar awtorità kompetenti għal dan l-għan u għandu jgħarraf lill-Kummissjoni b'din il-ħatra, li min-naħa tagħha għandha tinforma lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Ladarba jitlestew dawn il-formalitajiet fuq applikazzjoni mill-Kummissjoni, il-Kummissjoni tkun tista' tipproċedi bl-infurzar f'konformità mal-liġi Iżlandiża billi tressaq il-kwistjoni direttament quddiem l-awtorità kompetenti.

L-infurzar jista' jiġi sospiż biss b'deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, il-qrati tal-Iżlanda għandu jkollhom ġuriżdizzjoni rigward ilmenti li l-infurzar qed isir b'mod irregolari.

2. Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea mogħtija fir-rigward tal-applikazzjoni ta' klawżola ta' arbitraġġ li tinsab f'kuntratt jew fi ftehim ta' għotja fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandhom ikunu eżegwibbli fl-Iżlanda bl-istess mod bħad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 6

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

1. L-Iżlanda għandha:

(a) tiġġieled il-frodi u kull attività illegali oħra li tolqot l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz ta' miżuri li għandhom jaġixxu ta' deterrent u li jkunu tali li jippermettu protezzjoni effettiva fl-Iżlanda;

(b) tieħu l-istess miżuri biex tiġġieled il-frodi u kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni bħalma tieħu biex tipproteġi l-interessi finanzjarji tagħha stess; u

(c) tikkoordina l-azzjoni tagħha li għandha l-għan li tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni mal-Istati Membri u l-Kummissjoni.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Iżlanda għandhom jinformaw lill-Kummissjoni Ewropea jew lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi ("OLAF") mingħajr dewmien ta' kwalunkwe fatt jew suspett li jkunu saru jafu bihom dwar irregolarità, frodi jew attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Dawn għandhom jinfurmaw ukoll lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("UPPE") meta dawk il-fatti jew is-suspetti jikkonċernaw kawża li tista' taqa' taħt il-kompetenza tal-UPPE.

L-Iżlanda u l-Unjoni għandhom jiżguraw assistenza reċiproka effettiva f'każijiet fejn ikun hemm investigazzjonijiet jew proċedimenti ġudizzjarji mill-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni jew tal-Iżlanda, f'konformità mal-qafas legali applikabbli, dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji ta' xulxin fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim.

3. L-Iżlanda għandha tadotta miżuri ekwivalenti għal dawk adottati mill-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 325(4) TFUE li jkunu fis-seħħ fid-data tal-firma ta' dan il-Ftehim.

4. L-iskambju ta' informazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea, l-OLAF, l-UPPE, il-Qorti tal-Awdituri u l-awtoritajiet kompetenti tal-Iżlanda għandu jsir b'kunsiderazzjoni xierqa għar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità. Id-*data* personali inkluża fl-iskambju ta' informazzjoni għandha tiġi protetta f'konformità mar-regoli applikabbli.

Artikolu 7

Rieżamijiet u awditi mill-Unjoni

1. L-Unjoni għandu jkollha d-dritt li twettaq rieżamijiet u awditi tekniċi, finanzjarji jew tipi oħra ta' rieżamijiet u awditi fil-bini ta' kwalunkwe persuna fiżika residenti fl-Iżlanda jew ta' kwalunkwe entità ġuridika stabbilita fl-Iżlanda u li tirċievi finanzjament mill-Unjoni mill-BMVI, kif ukoll kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-finanzjament tal-Unjoni mill-BMVI residenti jew stabbilita fl-Iżlanda, bl-istess mod li jkun possibbli fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Tali rieżami u awditi jistgħu jitwettqu mill-Kummissjoni Ewropea, l-OLAF, u l-Qorti tal-Awdituri.

2. L-awtoritajiet tal-Iżlanda għandhom jiffaċilitaw ir-rieżamijiet u l-verifiki li jistgħu, jekk l-awtoritajiet jixtiequ dan, jitwettqu b'mod konġunt magħhom.

3. Ir-rieżamijiet u l-awditi jistgħu jitwettqu, anki wara s-sospensjoni tad-drittijiet tal-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fl-Iżlanda derivati mill-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, jew it-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim, fuq kwalunkwe impenn legali li jimplimenta l-baġit tal-Unjoni li jkun daħal fis-seħħ qabel id-data li fiha tidħol fis-seħħ is-sospensjoni jew it-terminazzjoni.

Artikolu 8

Verifiki u spezzjonijiet fuq il-post

L-OLAF għandu jkun awtorizzat iwettaq verifiki u spezzjonijiet fuq il-post fit-territorju tal-Iżlanda fir-rigward tal-BMVI f'konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 kif issupplimentat bir-Regolament (UE) Nru 883/2013.

L-awtoritajiet tal-Iżlanda għandhom jiffaċilitaw il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post li jistgħu, jekk l-awtoritajiet jixtiequ dan, jitwettqu b'mod konġunt magħhom.

Artikolu 9

Qorti tal-Awdituri

Il-kompetenza tal-Qorti tal-Awdituri stabbilita fl-Artikolu 287(1) u (2) tat-TFUE għandha testendi għad-dħul u n-nefqa relatati mal-implimentazzjoni tar-Regolament BMVI mill-Iżlanda, inkluż fit-territorju tal-Iżlanda.

F'konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 287(3) TFUE u mal-Ewwel Parti, it-Titolu XIV, il-Kapitolu 1 tar-Regolament Finanzjarju, il-Qorti tal-Awdituri għandu jkollha l-possibbiltà li twettaq awditi fil-bini ta' kwalunkwe korp li jamministra dħul jew nefqa f'isem il-Unjoni fit-territorju tal-Iżlanda fir-rigward tal-BMVI, inkluż fil-bini ta' kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tkun irċeviet pagamenti mill-baġit.

Fl-Iżlanda, l-awditjar mill-Qorti tal-Awdituri għandu jitwettaq flimkien mal-korpi nazzjonali tal-awditjar jew, jekk dawn ma jkollhomx is-setgħat meħtieġa, mad-dipartimenti nazzjonali kompetenti. Il-Qorti tal-Awdituri u l-korpi nazzjonali tal-awditjar tal-Iżlanda għandhom jikkooperaw fi spirtu ta' fiduċja filwaqt li jippreservaw l-indipendenza tagħhom. Dawn il-korpi jew dipartimenti għandhom jinformaw lill-Qorti tal-Awdituri jekk tkunx l-intenzjoni tagħhom li jieħdu sehem fl-awditu.

Artikolu 10

Kontribuzzjonijiet finanzjarji

1. L-Iżlanda għandha tagħmel pagamenti annwali għall-baġit tal-BMVI f'konformità mal-formula deskritta fl-Anness I.

2. Kull sena, il-Kummissjoni tista' tuża sa 0,75 % mill-pagamenti li jsiru mill-Iżlanda biex tiffinanzja n-nefqa amministrattiva għall-persunal jew il-persunal estern meħtieġ għall-appoġġ tal-implimentazzjoni mill-Iżlanda tar-Regolament BMVI u ta' dan il-Ftehim.

3. Wara t-tnaqqis tan-nefqa amministrattiva msemmija fil-paragrafu 2, l-ammont li jifdal tal-pagamenti annwali għandu jiġi assenjat kif ġej:

(a) 70 % għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-Istati Membri u l-Istati Assoċjati;

(b) 30 % għall-faċilità tematika msemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament BMVI.

4. Ammont ekwivalenti għall-pagamenti annwali Iżlandiżi għandu jintuża biex jikkontribwixxi għal ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri b'saħħitha u effettiva fil-fruntieri esterni.

5. L-Unjoni għandha tipprovdi lill-Iżlanda b'informazzjoni fir-rigward tal-parteċipazzjoni finanzjarja tagħha kif inkluża fl-informazzjoni relatata mal-baġit, mal-kontabbiltà, mal-prestazzjoni u mal-evalwazzjoni pprovduta lill-awtoritajiet baġitarji u tal-kwittanza tal-Unjoni dwar l-Istrument.

Artikolu 11

ETIAS

Is-sehem tad-dħul tal-ETIAS li potenzjalment jibqa' wara li jiġu koperti l-kostijiet tal-operat u l-manutenzjoni tal-ETIAS, kif imsemmi fl-Artikolu 86 tar-Regolament dwar l-ETIAS (is-"surplus"), għandu jitnaqqas mill-kontribuzzjoni finanzjarja finali tal-Iżlanda għall-BMVI, f'konformità mal-formula deskritta fl-Anness II.

Artikolu 12

Kunfidenzjalità

L-informazzjoni kkomunikata jew miksuba fi kwalunkwe forma bis-saħħa ta' dan il-Ftehim għandha tkun koperta mis-sigriet professjonali u protetta bl-istess mod bħalma informazzjoni simili tkun protetta bid-dispożizzjonijiet applikabbli għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni u bil-liġijiet tal-Iżlanda. Din l-informazzjoni ma għandhiex tiġi kkomunikata lil persuni oħrajn ħlief dawk fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni, fl-Istati Membri jew fl-Iżlanda li l-funzjonijiet tagħhom jirrikjedu li jkunu jafuha, u lanqas ma tista' tintuża għal skopijiet oħra ħlief dawk li jservu biex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Partijiet.

Artikolu 13

Dħul fis-seħħ u durata

1. Il-Partijiet għandhom japprovaw dan il-Ftehim f'konformità mal-proċeduri tagħhom. Dawn għandhom jinnotifikaw lil xulxin bit-tlestija ta' dawk il-proċeduri. Fil-każ tal-Unjoni, in-notifika bil-miktub għandha tintbagħat lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

2. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tal-ewwel xahar wara l-jum tal-aħħar notifika msemmija fil-paragrafu 1.

3. Biex tiġi żgurata l-kontinwità fl-għoti ta' appoġġ fil-qasam ta' politika rilevanti u biex l-implimentazzjoni tkun tista' tibda mill-bidu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021 sa 2027, il-miżuri koperti mir-Regolament BMVI jistgħu jibdew qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim u mhux qabel l-1 ta' Jannar 2021.

4. Dan il-Ftehim jista' jiġi emendat biss bil-miktub u bil-kunsens komuni tal-Partijiet. Id-dħul fis-seħħ tal-emendi se jsegwi l-istess proċedura bħal dik applikabbli għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

5. Minkejja l-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, il-Kumitat Imħallat stabbilit taħt l-Artikolu 3 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Iżlanda u n-Norveġja għandu jingħata s-setgħa li jinnegozja u jadotta l-emendi meħtieġa tat-tieni subparagrafu, il-punt (a), tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim fil-każ ta' notifika f'konformità mal-Artikolu 15(2) f'ċirkostanzi li fihom ma jkun intlaħaq l-ebda ftehim skont l-Artikolu 2(2) ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 14

Soluzzjoni ta' tilwim

Meta tinqala' tilwima fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, għandha tapplika l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Iżlanda u n-Norveġja.

Artikolu 15

Sospensjoni

1. Id-drittijiet tal-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fl-Iżlanda derivati mill-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim jistgħu jiġu sospiżi f'konformità mal-paragrafi 5 sa 7 ta' dan l-Artikolu mill-Unjoni, f'każ li ma jsirx pagament sħiħ jew parzjali tal-kontribuzzjoni finanzjarja dovuta mill-Iżlanda; f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 2(3), inkluża deċiżjoni li ma jiġix aċċettat att innotifikat skont dik id-dispożizzjoni jew f'ċirkostanzi li fihom ir-Regolament Finanzjarju jkun soġġett għal emenda, tħassir, sostituzzjoni jew riformulazzjoni rilevanti għall-BMVI u ma jkun intlaħaq l-ebda ftehim skont l-Artikolu 2 (2) fi żmien 30 jum mid-dħul fis-seħħ ta' tali emenda, tħassir, sostituzzjoni jew riformulazzjoni tar-Regolament Finanzjarju.

2. L-Unjoni għandha tinnotifika lill-Iżlanda bl-intenzjoni tagħha li tissospendi d-drittijiet tal-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fl-Iżlanda derivati mill-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim u, f'dan il-każ, il-kwistjoni għandha tiddaħħal uffiċjalment fl-aġenda tal-Kumitat Imħallat stabbilit skont l-Artikolu 3 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Iżlanda u n-Norveġja.

3. Il-Kumitat Imħallat għandu jissejjaħ u l-laqgħa għandha ssir fi żmien 30 jum min-notifika msemmija fil-paragrafu 2. Il-Kumitat Imħallat għandu jkollu 90 jum biex isolvi l-kwistjoni, li jibdew jgħoddu mid-data tal-adozzjoni tal-aġenda li fuqha tpoġġiet il-kwistjoni skont il-paragrafu 2. Meta l-kwistjoni ma tkunx tista' tiġi solvuta mill-Kumitat Imħallat fi żmien l-iskadenza ta' 90 jum, din l-iskadenza għandha tiġi estiża bi 30 jum bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni finali.

4. Meta l-kwistjoni ma tkunx tista' tiġi solvuta mill-Kumitat Imħallat sal-iskadenza prevista fil-paragrafu 3, l-Unjoni tista' tissospendi d-drittijiet tal-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fl-Iżlanda derivati mill-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim kif imsemmi fil-paragrafi 5 sa 7.

5. F'każ ta' sospensjoni, l-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fl-Iżlanda ma għandhomx ikunu eliġibbli biex jipparteċipaw fi proċeduri ta' għoti li jkunu għadhom ma tlestewx meta tidħol fis-seħħ is-sospensjoni. Proċedura ta' għoti għandha tiġi kkunsidrata li tlestiet meta jkunu ttieħdu impenji legali b'riżultat ta' dik il-proċedura.

6. Is-sospensjoni ma taffettwax l-impenji legali konklużi mal-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fl-Iżlanda qabel ma tkun daħlet fis-seħħ is-sospensjoni. Dan il-Ftehim għandu jkompli japplika għal tali impenji legali.

7. Kwalunkwe operazzjoni meħtieġa għall-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-Unjoni u għall-iżgurar tal-issodisfar tal-obbligi finanzjarji li jirriżultaw minn impenji li jkunu daħlu għalihom skont dan il-Ftehim qabel is-sospensjoni, tista' titwettaq ukoll wara s-sospensjoni.

8. L-Unjoni għandha tinnotifika minnufih lill-Iżlanda ladarba l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja jew operazzjonali dovuta jkun ġie riċevut minnha, meta n-nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 2(3) ikun intemm jew meta l-kwistjoni relatata mar-Regolament Finanzjarju tiġi solvuta. Is-sospensjoni għandha titneħħa b'effett immedjat malli ssir din in-notifika.

9. Mid-data meta titneħħa s-sospensjoni, l-entitajiet ġuridiċi tal-Iżlanda għandhom jerġgħu jkunu eliġibbli fi proċeduri ta' għoti mnedija wara din id-data u fi proċeduri ta' għoti mnedija qabel din id-data, li għalihom l-iskadenzi għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet ma jkunux skadew.

Artikolu 16

Terminazzjoni

1. Kemm l-Unjoni kif ukoll l-Iżlanda jistgħu jitterminaw dan il-Ftehim billi jinnotifikaw lill-Parti l-oħra bid-deċiżjoni tagħhom. Il-Ftehim għandu jieqaf japplika tliet xhur wara d-data ta' din in-notifika. Fil-każ tal-Unjoni, in-notifika bil-miktub għandha tintbagħat lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

2. Dan il-Ftehim għandu jiġi tterminat b'mod awtomatiku meta l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Iżlanda u n-Norveġja jiġi tterminat f'konformità mal-Artikolu 8(4), l-Artikolu 11(3) jew l-Artikolu 16 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Iżlanda u n-Norveġja.

3. Meta dan il-Ftehim jiġi tterminat f'konformità mal-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2, il-Partijiet jaqblu li l-operazzjonijiet fejn l-impenji legali jkunu daħlu għalihom wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u qabel ma dan il-Ftehim jiġi tterminat, għandhom ikomplu sakemm jitlestew skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Ftehim.

4. Kwalunkwe operazzjoni meħtieġa għall-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-Unjoni u għall-iżgurar tal-issodisfar tal-obbligi finanzjarji li jirriżultaw minn impenji li jkunu daħlu għalihom skont dan il-Ftehim qabel it-terminazzjoni tiegħu, tista' titwettaq ukoll wara t-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim.

5. Il-Partijiet għandhom isolvu b'kunsens komuni kwalunkwe konsegwenza oħra tat-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 17

Lingwi

Dan il-Ftehim għandu jitfassal f'żewġ kopji bil-lingwa Bulgara, Kroata, Ċeka, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Irlandiża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Żvediża u Iżlandiża, b'kull test ugwalment awtentiku.

Съставено в Брюксел на двадесети декември две хиляди двадесет и трета година.

Hecho en Bruselas, el veinte de diciembre de dos mil veintitrés.

V Bruselu dne dvacátého prosince dva tisíce dvacet tři.

Udfærdiget i Bruxelles den tyvende december to tusind og treogtyve.

Geschehen zu Brüssel am zwanzigsten Dezember zweitausenddreiundzwanzig.

Kahe tuhande kahekümne kolmanda aasta detsembrikuu kahekümnendal päeval Brüsselis.

Έγινε στις Βρυξέλλες, στις είκοσι Δεκεμβρίου δύο χιλιάδες είκοσι τρία.

Done at Brussels on the twentieth day of December in the year two thousand and twenty three.

Fait à Bruxelles, le vingt décembre deux mille vingt-trois.

Arna dhéanamh sa Bhruiséil, an fichiú lá de mhí na Nollag sa bhliain dhá mhíle fiche a trí.

Sastavljeno u Bruxellesu dvadesetog prosinca godine dvije tisuće dvadeset treće.

Fatto a Bruxelles, addì venti dicembre duemilaventitré.

Briselē, divi tūkstoši divdesmit trešā gada divdesmitajā decembrī.

Priimta du tūkstančiai dvidešimt trečių metų gruodžio dvidešimtą dieną Briuselyje.

Kelt Brüsszelben, a kétezer-huszonharmadik év december havának huszadik napján.

Magħmul fi Brussell, fl-għoxrin jum ta' Diċembru fis-sena elfejn u tlieta u għoxrin.

Gedaan te Brussel, twintig december tweeduizend drieëntwintig.

Sporządzono w Brukseli dnia dwudziestego grudnia roku dwa tysiące dwudziestego trzeciego.

Feito em Bruxelas, em vinte de dezembro de dois mil e vinte e três.

Întocmit la Bruxelles la douăzeci decembrie două mii douăzeci şi trei.

V Bruseli dvadsiateho decembra dvetisícdvadsaťtri.

V Bruslju, dvajsetega decembra dva tisoč triindvajset.

Tehty Brysselissä kahdentenakymmenentenä päivänä joulukuuta vuonna kaksituhattakaksikymmentäkolme.

Som skedde i Bryssel den tjugonde december år tjugohundratjugotre.

Gjört í Brussel tuttugasta dag desembermánaðar tvö þúsund tuttugu og þrjú.

За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Thar ceann an Aontais Eorpaigh
Za Europsku uniju
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen
Fyrir hönd Evrópusambandsins

За Исландия
Por Islandia
Za Island
For Island
Für Island
Islandi nimel
Για την Ισλανδία
For Iceland
Pour l'Islande
Thar ceann na hÍoslainne
Za Island
Per l'Islanda
Islandes vārdā –
Islandijos vardu
Izland részéről
Għall-Iżlanda
Voor IJsland
W imieniu Islandii
Pela Islândia
Pentru Islanda
Za Island
Za Islandijo
Islannin puolesta
För Island
Fyrir hönd Íslands

ANNESS I

FORMULA BIEX JIĠU KKALKULATI L-KONTRIBUZZJONIJIET FINANZJARJI GĦAS-SNIN MILL-2021 U SAL-2027 U D-DETTALJI TAL-PAGAMENT

1. Il-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja jqis l-ammont imsemmi fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament BMVI.

2. Għas-snin mill-2023 sal-2025, l-Iżlanda għandha tagħmel pagamenti annwali għall-baġit tal-BMVI f'konformità mat-tabella li ġejja:

(L-ammonti kollha f'EUR)

	2023	2024	2025
L-Iżlanda	1 820 230	1 820 230	1 820 230

Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji msemmija f'dan l-Artikolu għandhom ikunu dovuti mill-Iżlanda irrispettivament mid-data tal-approvazzjoni tal-programm tagħha msemmi fl-Artikolu 23 tar-Regolament RDK.

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżlanda għall-BMVI hija kkalkulata kif ġej għas-snin 2026 u 2027:

Għal kull sena mill-2020 sal-2024, iċ-ċifri tal-Prodott Domestiku Gross (PDG) tal-Iżlanda disponibbli fil-31 ta' Marzu 2026 fil-Eurostat (il-PDG fil-prezzijiet kurrenti) għandhom jiġu diviżi bis-somma taċ-ċifri tal-PDG nominali tal-Istati kollha li jipparteċipaw fil-BMVI għal kull sena rispettiva. Il-medja tal-ħames persentaġġi miksuba għas-snin mill-2020 sal-2024 għandha tiġi applikata għal

— is-somma tal-approprjazzjonijiet ta' impenn mill-baġit adottat u l-emendi jew it-trasferimenti sussegwenti kif impenjati fi tmiem kull sena għall-BMVI għas-snin mill-2021 sal-2025,

— l-approprjazzjonijiet ta' impenn annwali mill-baġit adottat għall-BMVI għas-sena 2026 li saru fil-bidu tas-sena 2026, u

— l-approprjazzjoni ta' impenn annwali skont il-baġit għall-BMVI għas-sena 2027 kif inkluża fl-abbozz tal-Baġit Ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2027 adottat mill-Kummissjoni,

biex jinkiseb l-ammont totali li għandu jitħallas mill-Iżlanda matul il-perjodu kollu ta' implimentazzjoni tal-BMVI.

Minn dan l-ammont, il-pagamenti annwali effettivament magħmula mill-Iżlanda f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Anness għandhom jitnaqqsu sabiex jinkiseb l-ammont totali tal-kontribuzzjonijiet tagħha għas-snin 2026 u 2027. Nofs dan l-ammont għandu jitħallas fl-2026 u n-nofs l-ieħor fl-2027.

4. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha titħallas f'euro, u l-kalkolu tal-ammonti dovuti jew li għandhom jiġu riċevuti għandu jiġi espress f'euro.

5. L-Iżlanda għandha tħallas il-kontribuzzjoni finanzjarja rispettiva tagħha sa mhux aktar tard minn 45 jum wara li tirċievi n-nota ta' debitu. Kull dewmien fil-pagament tal-kontribuzzjoni għandu jwassal għall-pagament ta' mgħax ta' inadempjenza fuq l-ammont pendenti mid-data li fiha jkun dovut. Ir-rata tal-imgħax għandha tkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet prinċipali ta' rifinanzjament tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li tkun fis-seħħ fl-ewwel jum kalendarju tax-xhur li fihom taħbat id-data tal-iskadenza, u li tiżdied bi 3,5 punti perċentwali.

ANNESS II

FORMULA GĦALL-KALKOLU TAS-SEHEM IŻLANDIŻ TAD-DĦUL LI POTENZJALMENT JIBQA' KIF DEFINIT FL-ARTIKOLU 86 TAR-REGOLAMENT DWAR L-ETIAS

Għal kull sena finanzjarja li fiha hemm surplus iġġenerat kif definit fl-Artikolu 86 tar-Regolament dwar l-ETIAS u li tintemm bis-sena finanzjarja 2026, iċ-ċifri tal-Prodott Domestiku Gross (PDG) nominali tal-Iżlanda disponibbli fil-31 ta' Marzu fil-Eurostat (il-PDG fil-prezzijiet kurrenti) għandhom jiġu diviżi bis-somma taċ-ċifri tal-PDG nominali tal-Istati kollha li jipparteċipaw fl-ETIAS għas-sena rispettiva.

Il-medja tal-persentaġġi miksuba għandha tiġi applikata għas-surpluses totali ġġenerati. Il-kontribuzzjoni finanzjarja Iżlandiża tal-2027 allokata għall-Faċilità tematika għandha titnaqqas bl-ammont li jirriżulta.